C/2024/7052

20.11.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11799 – TPG / M&G / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/7052)

1. Fit-13 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— TPG Inc. ("TPG", l-Istati Uniti),

— Prudential Assurance Company Limited (iktar 'il quddiem "PACL", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn M&G plc, (iktar 'il quddiem "M&G", ir-Renju Unit).

TPG u PACL se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' sħubija ta' impriża konġunta li għadha kif ġiet stabbilita ("l-IK").

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— TPG hija ditta globali għall-ġestjoni tal-assi alternattivi,

— PACL tipprovdi prodotti tal-assigurazzjoni fit-tul inklużi l-assigurazzjoni tal-ħajja, prodotti tal-pensjoni tal-investiment u annwalitajiet tal-pensjoni. Il-kumpanija omm aħħarija tagħha, M&G, hija negozju internazzjonali ta' tfaddil u investiment li joffri firxa ta' prodotti u servizzi finanzjarji.

3. L-IK se tkun proprjetarja tal-interessi benefiċjarji f'59 assi industrijali b'aktar minn kera waħda madwar ir-Renju Unit, li jammontaw għal 5,9 miljun pied kwadru fuq 844 unità u se topera biss fir-Renju Unit.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11799 – TPG / M&G / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË